MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 188/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**

**Philip Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fit-22 ta' Settembru 2004 fil-hanut Il-Werqa, Triq il-Kbira, Balluta, Sliema, naqas li jzomm kopja tal-ircevuti mahruga skond it-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan**

**bi ksur tal-partita 1 (g) tal-Hdax il-Skeda li tinsab mal-istess Att u l-artikolu 76(b) tal-Att nru. XXIII tal-1998.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 76(b) u 82(2) tal-Att nru. XXIII tal-1998 u l-partita 1(g) tal-Hdax-il Skeda li tinsab mal-istess Att, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta’ LM150 multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Gunju, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni migjuba kontrih, u fin-nuqqas, minhabba c-cirkostanzi, tinfliggi l-piena minima stabbilita mill-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe’ :- 1. li l-elementi ta’ l-akkuza kif dedotta ma jirrizultawx. Illi l-akkuza tghid li l-appellant naqas li jzomm kopji ta’ ircevuti mahruga skond it-Tlettax il-Skeda bi ksur tal-partita 1 (g) tal-Hdax il-Skeda u l-artikolu 76 (b) tal-Att. Li hu car li l-pern tal-akkuza hija li l-appellant ma zammx kopji ta’ l-ircevuti. L-unika prova li ngabet pero’ kienet li r-romblu tal-*“journal”* li kien jinsab fil-*cash register* tal-appellant wehel minnhabba difett elettroniku. Dan ma jammontax ghall-elementi tal-akkuza kif dedotta. Gie injorat il-fatt li l-appellant kellu z-*Z–readings* kompleti anki ghaz-zmien meta l-“*journal”* kien *“jammed*”. L-Ewwel Qorti jidher li ekwiparat il-*“journal*” mall-kopji tal-ircevuti li ssemmiet fl-akkuza, pero’ l-akkuza bl-ebda mod ma taghmel riferenza ghall-*“journal*” imma biss ghal-koppja tal-ircevuta mahruga. Din zammha fil-forma ta’ *Z-readings*. Illi l-appellant ghandu *cash register* fiskali kif titlob it-Tlittax l-Iskeda ma’ l-Att u ghalhekk l-appellant ma jistax jitqies li naqas milli josserva dak li titlob minnu l-iskeda 13. Ma hux kontestat li l-*“journal*” baqa’ *jammed* kienet problema teknika ta’ darba u l-appellant genwinament ma ndunax b’ dan stante li ma tindunax jekk ma tiftahx il-cash register. 2. Illi skond il-principju tal-proporzjonalita’ bbazat fuq mudelli ta’Ligi Komunitarja,

ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari tal-kaz. F'dan il-kaz is-sejbien tal-htija u l-multa ta' Lm150 mhumiex proporzjonali ghall-fatti kif pruvati u cioe' li l-jounrnal gol-*cash register* kien jammed ghal sittax il-jum ad insaputa tal-persuna registrata. Illi fuq kollox l-appellant ma ppruvax jevadi it-taxxa u baqa' jigbor il-VAT fuq il-biegh. Ghalhekk kellha tinghata piena minima.

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tat-22 ta'Settembru, 2005;**

Rat il-verbal registrat fl-istess udjenza li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li ma kienx hemm ghalfejn jixhed Paul Scicluna;

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda ta'** Martin Debono **rrizulta li fit-22 ta' Settembru, 2004, kienu dahlu jaghmlu inspection fil-hanut tal-appellant Werqa, f' Balluta Bay, Sliema. Kien sar biegh ta' 55c u nharget ricevuta. Pero' kkonstataw li l-"j*ournal*" kien ilu mwahhal mis-6 ta' Settembru, 2004. Dan ikun fuq roll separat mir-ricevuti u kull t*ransaction* li saret f' dak il-periodu ma gietx *recorded*. Dak il-hin kienu kellmu lis-salesgirl Anna Galea u din qalghetu w wahhlet wiehed gdid u beda jahdem tajjeb.**

**In kontro-ezami x-xhud qal li din kienet *routine inspection* u huma kienu talbu lis-s*alesgir*l tohrog ir-reading u dan hareg ghal dik il-gurnata biss. L-akkuza kienet ir-rizultat tal-fatt li l-journal ma kienx qed jahdem. Z-reading hu ma rax u ma talabhiex biex tohorgu. Dan ikun total u globali mill-ahhar X-reading**

**li jkun ittiehed u mhux *item, item*. Iz-Z-reading mhux kopja tal-ircevuti. Suppost li jzommu r-*record* ghal sitt snin. L-*X-reading* hareg regolarment. Dan jinhareg meta jitolbuh huma bhala ufficjali tad-Dipartiment. Sa fejn jaf hu kull cash register fih il-*memory*. Jekk tal-hwienet isaqsuhom fuq il-*journa*l jghidulhom biex joqghodu attenti ghalih imma mhux il-prattika taghhom li joqghodu jghidu dan lil tal-hwienet. Dan ghandhom jiehdu hsiebu huma.**

**Illi mir-roll tal-j*ourna*l esebit (Dok. MD3) jidher li l-ahhar *entry* jew *reading* li hemm fuqu iggib id-data tas-6 ta' Settembru, 2004. Dan ifisser li ghall-periodu ta' sittax il-jum, il-*cash register* ma kienx qed izomm kopja ta' kull transazzjoni separata li kien qed jaghmel l-appellant. Milli jidher dan gara ghaliex spicca u gie ezawrit l-istess roll u mhux ghal xi reguni teknika jew elettronika. Di fatti l-*entries* li hemm fir-roll esebit jaslu sal-ahhar tal-karta .**

**Ikkonsidrat;**

**Illi minn dawn il-provi trrizulta ampjament l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant. Dan huwa dak li bl-ingliz jissejjah *"a technical offence*" li ma jirrikjedix xi intenzjoni specifika jew diretta biex jigi kommess. Fil-waqt li persuna registrata li ma toperax b' *cash register*, ikollha ktieb tar-ricevuti fiskali li fuq wahda mill-kopji hemm indikat li din eventwalment tkun trid tintbaghat lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fejn il-persuna registrata jopera b' *cash register*, din il-kopja tinzamm fil-"*journal*" li jista' jintalab mid-Dipartiment kif sar f'dan il-kaz. Ovvjament kien id-dover tal-appellant li jara li l-*cash register* tieghu qed jiffunzjona kif suppost, u, jekk hemm bzonn, anki jiftah il-*cash register* ukoll minn zmien ghal zmien, biex jara li dan kien qed jahdem sew. Il-fatt li ghal sittax il-jum shah l-appellant ma ndunax li l-*journal* ma kienx qed jirregistra juri certa non-kuranza da parti tieghu w dan zgur li ma jistax jiskolpah minn-nuqqas tieghu. Fil-fatt irrizulta li malli martu dahhlet roll gdid fil-*cash register*, dan beda jahdem kif**

**suppost. Igifieri kull ma kien hemm bzonn kien vigilanza ordinarja u mhux xi tiswija straordinarja biex il-*cash register* jerga' jibda' jahdem sew. Li ried isir kien semplicement li jimbidel ir-roll (li donnu jidher li kien spicca) u jiddahhal wiehed gdid.**

**Illi skond il-partita 1 (g) tal-Hdax il-Skeda , kull persuna registrata ghandha zzomm id-dokumentazzjoni u d-dokumenti hemm indikati , senjatament *"il-kopji kollha tar-ricevuti fiskali mahruga minnha skond it-Tlittax il-Skeda."* U it-Tlittax l-iskeda fil-paragrafu 13 issemmi specifikatament li l-funzjonijiet tal-cash register huma *"inter alia"* l-istampar ta' ricevuta maqsuma f' partiti ghall-provvisti maghmula f' kull transazzjoni u r-registrazzjoni ta' kull transazzjoni odjerna fuq gurnal stampat. Illi hu ovvju li dan il-gurnal stampat huwa l-uniku mezz kif id-Dipartiment jista' jirrintraccja kull transazzjoni individwali li tkun saret "*on a sale by sale basis*" u li din l-informazzjoni ma tistax tinkiseb mill-X-reading ghax dan jaghti total globali tat-transazzjonijiet li jkunu saru mill-ahhar X-reading li jkun sar u xejn izjed.**

**Illi umbaghad skond l-artikolu 82 (2) tal-Att, , meta persuna registrata trid tezimi ruha minn xi responsabbilta' ghal xi att maghmul mill-impjegat taghha, tkun irid igib prova li ma kienetx taf u <u>li ma setghetx b' diligenza ragonevoli tkun taf b' dak l-ghemil jew nuqqas u li hija tkun ghamlet kull ma setghet taghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti) Minn dan kollu l-appellant ma pprova xejn ghax lanqas biss xehed jew ressaq xi prova ohra ammissibbli skond il-ligi.**

**Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-Ewwel aggravju huwa nfondat u qed jigi respint.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar it-tieni aggravju li jidher li jolqot il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Di fatti l-piena ghal min jonqos milli jzomm jew jaghti kull dokumentazzjoni , dokument u kontijiet mehtieg bl-Att XXIII ta' l-1998 jew kull regolament maghmul bis-sahha tieghu , hija dik tal-multa minn mitt lira u mhux izjed minn tlett mitt lira . Ghalhekk jidher li l-Ewwel Qorti erogat piena aktar vicin il-minimum ta' LM100 milli tal-massimu ta' LM300 u ghalhekk il-piena zgur li ma tistax titqies wahda eccessiva fic-cirkostanzi.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------